Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**ONOR. IMHALLEF -- AGENT PRESIDENT**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tas-7 ta' Jannar, 2011

Appell Civili Numru. 35/2010/1

**Maximilian Ciantar**

**v.**

**Avukat Generali**

**Il-Qorti,**
**Preliminari**

Dan hu appell interpost mill-intimat Avukat Generali minn decizjoni moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili, (Gurisdizzjoni Kostituzzjonali) fil-kawza fl-ismijiet premessi fit-22 ta’ Lulju 2010.

**Ir-rikorrenti kien talab li:**

Il-Qorti (a) issib li huwa garrab ksur tal-jeddijiet fundamentali tieghu kif imharsin bl-Artikolu 5(3) u bl-Artikolu 5(4) tal-Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali; (b) taghtih rimedju effettiv, b'mod ewlieni dak tal-helsien effettiv u mhux biss illuzorju mill-arrest li jinsab fih; u (e) taghtih kumpens xieraq ghall-ksur li huwa jilminta minnhom.

**L-ewwel Qorti ddecidiet billi:**

**Tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrent** u ssib li huwa garrab ksur tal-jedd tieghu skont l-Artikolu 5(3) tal-Konvenzjoni u dan safejn il-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest preventiv moghtijin mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja fid-digriet taghha tad-19 ta' Mejju, 2010, u mill-Qorti Kriminali fid-digriet taghha tat-28 ta' Mejju, 2010, icahhdu lill-istess rikorrent minn helsien effettiv jew safejn iwaqqghu l-prezunzjoni tal-innocenza tieghu;

**Tichad l-ewwel talba** tar-rikorrent safejn din trid li huwa garrab ksur tal-Artikolu 5(3) dwar tmexxija b'heffa tal-proceduri li dwarhom l-istess rikorrent qieghed jinzamm arrestat u tichad ukoll l-istess talba safejn ir-rikorrent jippretendi li garrab ksur tal-jedd tieghu taht l-Artikolu 5(4) tal-Konvenzjoni;

**Tipprovdi dwar it-tieni talba** billi tordna li t-talba tar-rikorrent biex jinghata l-helsien mill-arrest preventiv titqies u tkun deciza mill-Qorti ta' kompetenza kriminali fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet u l-konkluzjonijiet milhuqa f'din is-sentenza u, ghalhekk, tordna li l-atti ta' din il-kawza u kopja ta' din is-sentenza jintbaghtu lil dik il-Qorti sabiex tkun tista' tipprovdi kif mehtieg skont it-termini taghha;

**Tilqa' t-tielet talba tar-rikorrent** u tordna lill-intimat ihallas kumpens morali lir-rikorrent fis-somma ta' elf Ewro (€1,000) minhabba l-arrest tar-rikorrent bi ksur tal-Artikolu 5(3) tal-Konvenzjoni ghar-ragunijiet fuq imfissra; u

**Tordna li l-ispejjez tal-kawza** jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

**L-ewwel Qorti waslet ghall din il-konkluzzjoni wara li kkunsidrat:**

“**Ikkunsidrat:**

“Illi b’din l-azzjoni r-rikorrent qiegħed jilminta li qiegħed iġarrab ksur tal-jedd tiegħu għall-ħelsien u s-sigurta’ tal-persuna, u b’mod partikolari tal-jedd tiegħu li, bħala persuna miżmuma taħt arrest fuq xilja li tkun wettqet reat, jinġab bla dewmien quddiem Qorti jew awtorita’ oħra kompetenti li jkollha setgħa ġudizzjarja sabiex jew tgħaddih mill-proċess ġudizzjarju fi żmien xieraq raġonevoli jew li tagħtih il-benefiċċju tal-ħelsien preventiv sakemm jasal iż-żmien għall-proċess bħal dak. Marbut ma’ dan, jilminta wkoll mill-ksur tal-jedd tiegħu li Qorti tqis b’ħeffa r-raġunijiet taż-żamma tiegħu taħt arrest u l-legalita’ ta’ tali żamma;

“Illi r-rikorrent iressaq tliet ilmenti f’dan ir-rigward. L-ewwel ilment hu dak li, minkejja li ngħata digriet li awtorizza l-ħelsien tiegħu mill-arrest, dan il-provvediment huwa ċ-ċaħda nnifisha tal-jedd tal-liberta’ u dan minħabba n-natura tal-kundizzjonijiet li taħthom ingħata dak id-degriet. Fit-tieni lok, jilminta min-nuqqas ta’ tmexxija b’għaqal tal-proċess tiegħu min-naħa tal-awtoritajiet, u dan minħabba li fl-istadju li fih waslu l-imsemmija proċedimenti (ir-rinviju), jista’ jibqa’ jittawwal bil-garanzija fqajra biss li hu jitressaq quddiem il-Qorti kull sitt ġimgħat[1], imqar jekk għall-ebda raġuni tajba, bla ma jinbeda l-proċediment li jqis fil-mertu r-reati li bihom jinsab mixli. Fit-tielet lok, billi ż-żamma tiegħu taħt arrest fl-istat attwali hija l-qlib tal-prinċipju li persuna jmissha titqies innoċenti sakemm tinstab ħatja, fi prinċipju li l-persuna hija meqjusa ħatja sakemm tgħaddi mill-proċess ġudizzjarju;

“Illi qabel ma l-Qorti tgħaddi biex tistħarreġ dawn l-ilmenti, huwa xieraq li jissemmew il-<u>fatti ewlenin li joħorġu mill-każ</u>. Fit-28 ta’ April, 2010, r-rikorrent kien involut f’inċident tat-triq waqt li kien qed isuq karozza u tajjar żewġt itfal li

[1] Art. 401(3A) tal-Kap 9

kienu qegħdin jaqsmu triq f'Ħ'Attard. Ir-rikorrent baqa' sejjer minn fuq il-post tal-inċident. Fit-30 ta' April, 2010, wara li l-Pulizija għamlu tfittxija u stħarriġ taċ-ċirkostanzi tal-inċident, sejħulu u ġabruh għall-interrogazzjoni. Dak inhar ir-rikorrent ħalla stqarrija[2]. L-għada reġa' ħalla stqarrija oħra[3];

"Illi b'rikors imressaq fl-1 ta' Mejju, 2010[4], il-Kummissarju tal-Pulizija talab lill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja biex tawtorizza l-ftuħ b'urġenza tal-Qorti ħalli jressaq quddiemha lir-rikorrent b'arrest. Aktar tard dak inhar, ir-rikorrent tressaq b'arrest quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja mixli li ikkaġuna feriti gravi fuq il-persuna tal-imsemmija żewġt itfal u b'reati oħrajn marbuta mas-sewqan, u kif ukoll li huwa reċidiv[5]. Huwa wieġeb li ma kienx ħati[6] u talab li jinħeles mill-arrest[7]. B'degriet mogħti waqt is-smigħ, u għar-raġunijiet hemm imsemmija, t-talba ma ntlaqgħetx[8] u r-rikorrent ittieħed fil-Faċilita' Korrettiva f'Kordin;

"Illi fil-5 ta' Mejju, 2010[9], ir-rikorrent ressaq talba biex jingħata l-ħelsien mill-arrest. Din it-talba ma ntlaqgħetx b'degriet tal-11 ta' Mejju, 2010[10], wara li kien ingħata smigħ u tressqu sottomissjonijiet mill-partijiet. Ir-rikorrent ressaq it-tieni talba permezz ta' rikors ieħor fl-14 ta' Mejju, 2010[11]. Wara li sar smigħ b'bosta xhieda u nstemgħu l-partijiet, b'degriet tad-19 ta' Mejju, 2010[12], l-Qorti laqgħet it-talba tiegħu għall-ħelsien mill-arrest iżda bil-kundizzjoni, fost l-oħrajn, li (i) joqgħod taħt ordni ta' trattament fl-Isptar Monte Karmeli[13] u li ma jinħariġx minn dik l-istituzzjoni qabel ma l-Qorti tingħata rapport mit-tobba kuranti li jkun xieraq li jinħareġ minn dak l-isptar; (ii) r-rikorrent jibda u jtemm programm ta' ri-abilitazzjoni mill-vizzju tad-droga; u (iii) jagħmel tajjeb għall-ħelsien b'depożitu ta' tlitt elef euro

[2] Dok "AG4", f'paġġ. 22 – 5 tal-proċess
[3] Dok "AG3", f'paġ. 20 – 1 tal-proċess
[4] Dok "AG2", f'paġ. 19 tal-proċess
[5] Dok "AG1", f'paġġ. 16 – 8 tal-proċess
[6] Dok "AG6", f'paġ. 28 tal-proċess
[7] Dok "AG5", f'paġġ. 26 – 7 tal-proċess
[8] Dok "AG7", f'paġ. 29 tal-proċess
[9] Dok "AG8", f'paġ. 30 tal-proċess
[10] Dok "AG9", f'paġ. 31 tal-proċess
[11] Dok "AG15", f'paġ. 37 tal-proċess
[12] Dok "AG19", f'paġġ. 42 – 3 tal-proċess
[13] Art. 7 tal-Kap 446

(€ 3,000) u li jressaq garanti tajjeb (f'dan il-każ, missier ir-rikorrent innifsu) għal għoxrin elf euro (€ 20,000). Dak inhar ukoll, il-Qorti sabet li kien hemm elementi biżżejjed biex ir-rikorrent jitqiegħed taħt Att ta' Akkuża u bagħtet l-inkartament għand l-intimat[14];

"Illi r-rikorrent ressaq talba quddiem il-Qorti Kriminali fil-25 ta' Mejju, 2010[15], biex dik il-Qorti jogħġobha tibdel il-kundizzjonijiet imposti fuqu. B'degriet mogħti fit-28 ta' Mejju, 2010, il-Qorti Kriminali, wara li qiegħdet ir-rikors għas-smigħ u semgħet lill-partijiet, laqgħet it-talba tar-rikorrent billi naqqset l-ammont tal-garanzija għal għaxart elef euro (€ 10,000), imma ħalliet il-kundizzjonijiet l-oħrajn kollha mhux mibdula[16];

"Illi fil-31 ta' Mejju, 2010, ir-rikorrent ressaq din il-kawża. Ir-rikorrent għadu miżmum fil-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin;

"Illi jidher xieraq li l-Qorti tibda l-<u>kunsiderazzjonijiet ta' dritt</u> marbutin mal-każ billi tqis il-qafas ewlieni tal-jedd tal-liberta' u s-sigurta' kif imħarsin fl-artikolu 5 tal-Konvenzjoni. Huwa mgħallem li "*the overall purpose of Article 5 is to ensure that no one should be dispossessed of his liberty in an 'arbitrary fashion'. The essence of Article 5 is that, although the right to liberty is not an absolute one, a person must be detained only on a basis of law and that the law relied upon must be consistent with recognised European standards. Article 5 also safeguards the individual against the illegal deprivation of liberty contrary to Article 5 by requiring that a person in detention be provided with a remedy or remedies by which he can challenge the legality of his detention and obtain compensation if it is not lawful*"[17];

"Illi dan ifisser li persuna tista' tinżamm b'arrest jekk kemm-il darba jikkonkorru waħda jew iżjed miċ-ċirkostanzi li l-liġi domestika jew il-Konvenzjoni nnifisha jistabilixxu bħala raġunijiet tajba u serji biex il-prinċipju tal-liberta' jkun sagrifikat biż-żamma jew detenzjoni;

---

[14] Dok "AG20", f'paġ. 44 tal-proċess
[15] Dok "AG21", f'paġġ. 45 – 6 tal-proċess
[16] Dok "AG25" f'paġ. 50 tal-proċess
[17] Harris, O'Boyle & Warbrick <u>*Law of the European Convention on Human Rights*</u> (1995), paġ. 97

"Illi b'"arrest" għall-finijiet tal-artikolu 5, wieħed ma jifhimx biss u tabilfors iż-żamma ta' persuna f'faċilita' korrettiva jew ħabs. Kemm hu hekk, l-istess artikolu 5(1) jaħseb għal suriet oħrajn ta' żamma ta' persuni f'istituzzjonijiet u taħt ċirkostanzi li mhux tabilfors għandhom x'jaqsmu ma' twettiq ta' reati jew proċedimenti kriminali, iżda li jġibu l-effett li persuna bħal dik titteħdilha l-liberta' tagħha li tmur fejn trid, għal kollox jew f'biċċa;

"Illi l-liġi nnifisha tipprospetta l-jedd ta' kull imputat jew akkużat li jingħata l-ħelsien mill-arrest, fuq talba tiegħu meta jagħti garanzija tajba li jidher għal kull att tal-proċess, taħt dawk il-kundizzjonijiet li l-Qorti jkun jidhrilha xierqa li timponi[18], fosthom l-għoti ta' garanzija[19]. L-ammont tal-garanzija għandu dejjem ikun fil-limiti stabiliti mil-liġi[20], skond il-kundizzjonijiet tal-imputat, ix-xorta u l-kwalita' tar-reat, u ż-żmien tal-piena li għaliha r-reat ikun suġġett[21]. Il-garanzija ssir jew billi jinġieb pleġġ tajjeb li jintrabat bil-miktub li jagħmel tajjeb għall-obbligazzjoni tal-akkużat jew imputat li jkun[22], jew billi jsir depożitu tas-somma tal-garanzija jew it-tressiq ta' rahan li jiswa daqs is-somma, jew ukoll bl-obbligazzjoni personali waħedha tal-imputat[23]. Il-liġi taħseb ukoll għall-każ fejn imputati mixlija b'reat li jaqbżu l-kompetenza tal-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali jistgħu jingħataw il-ħelsien mill-arrest mingħajr garanzija jekk kemm-il darba ma jkunx hemm oppożizzjoni mill-Avukat Ġenerali għal talba f'dan is-sens u fejn l-istess imputati huma fqar u nies ta' morali tajba[24];

"Illi l-jedd ta' persuna arrestata li tingħata l-ħelsien mill-arrest preventiv m'huwiex wieħed assolut, imma biex dak il-jedd jiċċaħħad irid ikun hemm raġuni jew raġunijiet tassew tajba, motivati u dikjarati b'mod ċar mill-Qorti li quddiemha ssir talba bħal dik. "*Although Article 5(3) does not guarantee an absolute right to release on bail, the*

[18] Art. 574(1) tal-Kap 9
[19] Art. 574A(7) tal-Kap 9
[20] Art. 584 tal-Kap 9
[21] Art. 576 tal-Kap 9
[22] Art. 577(1) tal-Kap 9
[23] Art. 577(2) tal-Kap 9
[24] Art. 577(4) tal-Kap 9

*possibility of demanding bail laid down there entails for the judicial authorities the obligation to ascertain whether by means of such a guarantee the same purpose can be achieved as is aimed at by the detention on remand*"[25];

"Illi l-qofol kollu tal-ħelsien mill-arrest huwa dak li jħares il-prinċipju tal-preżunzjoni tal-innoċenza tal-persuna mixlija[26] u fl-istess waqt jagħmel tajjeb għall-possibilita' li l-każ kontra l-persuna miżmuma jieħu ż-żmien xieraq tiegħu mingħajr ma jxekkel aktar minn kemm meħtieġ il-jedd tal-istess persuna għal-liberta' tagħha. F'dan ir-rigward, għalhekk, l-għan tal-ħelsien mill-arrest ikun prinċipalment dak li jiżgura li l-persuna meħlusa ma tonqosx li tidher fil-każ tagħha kull meta tissejjaħ għal dan. Għalhekk, Qorti għandha tagħti l-ħelsien mill-arrest biss fejn tkun soddisfatta li l-preżenza tal-persuna mixlija fil-proċeduri kontra tagħha tkun garantita[27];

"Illi minn dan kollu joħroġ li l-garanzija li l-Qorti tordna bħala kundizzjoni biex jingħata l-ħelsien mill-arrest m'għandhiex isservi bħala xi għamla ta' kumpens għad-dannu mwettaq bir-reat[28]. Fuq kollox, l-ammont tal-garanzija għandu jkun raġonevoli, fis-sens li għandha sservi sewwa – imma mhux aktar milli meħtieġ – biex tiżgura li l-persuna mixlija ma tonqosx milli tidher għall-kawża tagħha u ma titħajjarx li tgħib jew taħrab[29]. Għalhekk, fejn l-ammont tal-garanzija jisboq dan l-għan, jaf ikun hemm lok għall-ksur tad-dispożizzjonijiet relattivi tal-Konvenzjoni[30];

"Illi hawn ta' min jgħid li l-obbligu li l-imputat jitressaq u jiġi proċessat fi żmien raġonevoli mhuwiex għażla minflok jingħata l-ħelsien mill-arrest. Dan hu hekk għaliex il-ħelsien mill-arrest huwa obbligu li xorta waħda jrid jitqies jekk kemm-il darba jinġiebu garanziji biżżejjed li bihom tonqos il-biżgħa li l-imputat ma jaħrabx, u dan ukoll jekk raġunijiet tajba jżommu milli jkun jista' jinbeda l-

---

[25] Van Dijk, van Hoof, van Rijn, Zwaak Theory and Practice of the European Convention on Human Rights (4th Edit, 2006) paġ. 497
[26] Art. 39(5) tal-Kostituzzjoni u l-art. 6(2) tal-Konvenzjoni
[27] Kost. **4.1.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Godfrey Ellul vs Avukat Ġenerali***
[28] QEDB **27.6.1968** fil-kawża fl-ismijiet ***Neumeister vs Awstrija*** (Applik. Nru. 1936/63) §§13 – 4
[29] Jacobs The European Convention on Human Rights, paġ. 71
[30] Harris, O'Boyle & Warbrick *op. Cit.*, paġ. 143

proċediment ġudizzjarju dwar ir-rejati li bihom l-imputat ikun mixli[31];

"Illi l-artikolu 5(3) tal-Konvenzjoni jipprovdi li "*Kull min ikun arrestat jew detenut skond id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu (1)(ċ) ta' dan l-artikolu għandu jinġieb minnufih quddiem imħallef jew funzjonarju ieħor awtorizżat b'liġi biex jeżerċita setgħa ġudizzjarja u jkollu dritt għal proċedura fi żmien raġonevoli jew għal ħelsien waqt pendenza tal-proċeduri. Il-ħelsien jista' jkun taħt kundizzjoni ta' garanziji biex jidher għall-proċeduri*";

"Illi minn dan jidher ċar li d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 5(3) tal-Konvenzjoni jistgħu jitqanqlu biss fil-qafas ta' arrest li għalihom japplika l-artikolu 5(1)(ċ) u mhux wieħed li għalih japplika l-artikolu 5(1)(b)[32], u dan billi wieħed għandu jagħmel distinzjoni bejn arrest preventiv u "privazzjoni tal-liberta' personali in segwitu għal kundanna minn Qorti"[33];

"Illi l-artikolu 5(1)(ċ) jipprovdi li "*Kulħadd għandu d-dritt għal-liberta' u għas-sigurta' tal-persuna. Ħadd ma għandu jiġi ipprivat mil-liberta' tiegħu ħlief fil-każijiet li ġejjin u skond il-proċedura preskritta mil-liġi: ... (ċ) l-arrest jew detenzjoni skond il-liġi ta' persuna effettwata sabiex tiġi miġjuba quddiem l-awtorita' legali kompetenti fuq suspett raġonevoli li tkun ikkommettiet reat jew meta jkun meqjus raġonevolment meħtieġ biex jiġi evitat li tikkommetti reat jew li taħrab wara li tkun għamlet reat*";

"Illi f'dan il-qafas ġuridiku, l-Qorti tqis li fi kwestjoni ta' ħelsien mill-arrest, il-prinċipju tal-liberta' tal-persuna huwa r-regola u li l-arrest jew iż-żamma tagħha għandu jitqies bħala eċċezzjoni[34]. Il-preżunzjoni hija favur il-liberta' tal-persuna u r-rikorrent ma għandu għalfejn jipprova xejn aktar mill-fatt li huwa għadu miżmum taħt arrest u li huwa mċaħħad mill-ħelsien minn dak l-arrest. Jidher li din il-

---

[31] QEDB **13.3.2007** fil-kawża fl-ismijiet ***Castravet vs Moldova*** (Applik. Nru. 23393/05) §§ 30 – 2

[32] App. Kost. **26.7.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Żahra vs L-Onor. Prim Ministru*** (Kollez. Vol:**LXXVII.i.95**)

[33] App. Kost. **31.7.1998** fil-kawża fl-ismijiet ***Buġeja vs Direttur tal-Ħabs et*** (Kollez. Vol: **LXXXII.i.119**)

[34] App. Kost. **15.2.1991** fil-kawża fl-ismijiet ***Bartolo et vs Aġent Reġistratur tal-Qorti et*** (Kollez. Vol: **LXXV.i.84)**

preżunzjoni timxi id f'id mal-preżunzjoni l-oħra daqstant ewlenija fil-qasam tad-dritt penali li persuna hija meqjusa innoċenti sakemm tinsab ħatja u liema regola tinsab imnaqqxa f'dispożizzjoni oħra tal-Konvenzjoni[35];

"Illi fil-każijiet fejn tidħol il-kwestjoni tal-ħelsien mill-arrest preventiv, huwa l-intimat li għandu l-piż tal-prova li jikkonvinċi lill-Qorti li jirrikorru l-estremi li jiġġustifikaw li ma tingħatax il-liberta' provviżorja[36]. U dan id-dmir jibda sa mill-waqt li l-persuna titqiegħed taħt arrest, billi l-jedd imħares taħt l-artikolu 5(3) ma jagħti l-ebda kenn li jawtorizza l-arrest jew żamma ta' persuna sa xi żmien partiklolari[37] jekk mhux għaliex, f'kull waqt, dak l-arrest jew dik iż-żamma kienet ġustifikata fl-interess pubbliku u għal għanijiet ġenwini[38]. Dawn il-prinċipji ntlaqgħu wkoll mill-ogħla Qorti tagħna[39];

"Illi l-Konvenzjoni tagħraf bejn raġuni u oħra għad-detenzjoni ta' persuna. Huwa minħabba f'hekk li jrid jingħad li s-setgħa ta' din il-Qorti li tqis iċ-ċirkostanzi tal-għoti, ċ-ċaħda jew ir-revoka tal-liberta' proviżorja hija waħda limitata fis-sens li m'għandhiex tindaħal f'dawk l-aspetti li bir-rieda espressa tal-liġi jaqgħu fis-setgħa mħollija f'idejn qrati oħrajn. B'hekk jiġi li l-kompetenza ta' Qorti Ċivili fil-vesti "konvenzjonali" jew kostituzzjonali tagħha hija limitata li tiżgura li d-dritt fondamentali tal-akkużat għall-ħelsien mill-arrest preventiv (sakemm għadhom għaddejjin proċeduri kriminali kontrih) ikun imħares u miżmum fil-limiti stabiliti mill-Kostituzzjoni jew mill-Konvenzjoni. Dan isir billi jiġi assikurat li Qorti kompetenti li tqis talba għall-ħelsien mill-arrest preventiv (kemm sakemm jew jekk tilqa' tali talba, kemm jekk tiċħadha) tkun għamlet dan b'applikazzjoni u rispett sħiħ tal-garanziji kostituzzjonali jew konvenzjonali. U din il-Qorti m'għandhiex tindaħal aktar fl-operat ta' Qorti bħal dik sakemm ma jkunx jidher "eċċess manifest fl-applikazzjoni" tagħha ta' dawk il-prinċipji jew kriterji

---

[35] Art. 6(2)
[36] P.A. Kost GV **14.12.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***Meinrad Calleja vs Avukat Ġenerali et*** (mhix pubblikata)
[37] QEDB **9.1.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Shishkov vs Bulgarija*** (Applik. Nru. 38822/97) § 66
[38] QEDB **7.4.2005** fil-kawża fl-ismijiet ***Rokhlina vs Russja*** (Applik. Nru. 54071/00) § 67
[39] App. Kost. **22.11.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***Bartolo vs Avukat Ġenerali*** (Kollez. Vol: **LXXXIV.i.392**)

kostituzzjonali jew konvenzjonali. B’mod partikolari, ir-raġonevolezza tal-ammont tal-garanzija li jkun determinat minn dik il-Qorti li tkun tat l-ordni għall-ħelsien mill-arrest bil-kundizzjonijiet fih stipulati m’għandhiex bħala regola tiġi mistħarrġa u sindakata minn Qorti ta’ kompetenza ċivili jew “kostituzzjonali”. “Tista’ eċċezzjonalment tkun minnha sindakabbli jekk jirriżulta li l-*quantum* hu manifestament irraġonevoli u irraġġunġibbli b’mod li d-dritt tal-akkużat li jitlob il-ħelsien proviżorju jkun ġie għal kollox newtraliżżat fil-prattika, jekk mhux fit-tejorija”[40];

“Illi huwa stabilit li meta Qorti tiġi biex tqis jekk għandhiex teħles persuna mill-arrest, hija għandha tħares lejn dawk il-kundizzjonijiet li jistgħu jwasslu biex jiġi ffissat l-ammont xieraq tal-garanzija li dik il-persuna trid tagħti biex tkun tista’ tinħeles. Għalhekk, meta l-liġi ssemmi bħala waħda mill-kriterji “il-kundizzjoni tal-imputat”, mhijiex qegħda tfisser biss il-qagħda finanzjarja tiegħu. Jeħtieġ, għalhekk, li Qorti tqis kemm kriterji oġġettivi (marbuta max-xorta u l-għamla tar-reat u l-piena tiegħu) u kif ukoll dawk suġġettivi li jintrabtu mal-kundizzjoni tal-imputat (magħduda magħha, per eżempju, l-qagħda soċjali tiegħu, id-dipendenza tiegħu fuq ħaddieħor, u x-xogħol tiegħu jekk ikun il-każ)[41]. Minbarra dan, tqies ukoll li meta l-Qorti tiffissa garanziji f’somom ta’ flus, hija trid tħares lejn il-mezzi finanzjarji tal-imputat u kif ukoll ta’ dawk il-persuni li qegħdin joffru li jgħinuh billi jidħlu garanti, b’mod li eqreb ma jkunu dawk il-persuni mal-imputat, aktar tkun tiswa l-garanzija billi l-imputat iħossu aktar obbligat li jħares il-kundizzjonijiet tal-ħelsien tiegħu mill-arrest[42];

“Illi fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha llum, il-kwestjoni ddur fuq il-fatt li formalment ir-rikorrent ingħata l-ħelsien mill-arrest preventiv. Għalhekk, kull kunsiderazzjoni li setgħet saret matul is-smigħ tal-kawża dwar raġunijiet serji jew gravi marbuta mal-imġiba preżenti jew imgħoddija tal-istess rikorrent jew mal-qagħda ta’ saħħtu jmorru lil hinn mill-ilmenti mqanqlin minnu. Ladarba l-Qrati ta’ kompetenza Kriminali sabu, tajjeb jew ħażin, li kellhom

[40] App. Kost. **31.7.1998** fil-kawża fl-ismijiet ***Gauċi vs Avukat Ġenerali*** (Kollez. Vol: **LXXXII.i.140**)
[41] Kost **10.7.1990** fil-kawża fl-ismijiet ***Mifsud et vs Prim Ministru et*** (Kollez. Vol: **LXXIV.i.127**)
[42] P.A. Kost. GC **1.7.1999** fil-kawża fl-ismijiet ***Mario Pollacco vs Kummissarju tal-Pulizija et*** (mhix pubblikata)

jilqgħu t-talba tar-rikorrent biex jingħata l-ħelsien mill-arrest, ma jiswa xejn li din il-Qorti terġa' tistħarreġ jekk ir-rikorrent jippreżentax raġunijiet li jiġġustifikaw iż-żamma tiegħu;

"Illi huwa għalhekk li fl-**ewwel ilment tiegħu**, r-rikorrent iqis li l-ħelsien mill-arrest mogħti lilu m'huwa ħelsien xejn, għaliex jekk kemm-il darba kellu jitwettaq dak li jipprovdi d-degriet relattiv tal-Qorti tal-Maġistrati, huwa mhux se' jkun f'qagħda li jgawdi l-ebda liberta'. Kemm hu hekk, id-degriet jipprovdi li r-rikorrent irid jinżamm f'taqsima ġo sptar għal kura mentali għal dawk il-persuni dipendenti fuq il-konsum tad-droga u ma jkunx jista' joħroġ minn hemm qabel ma l-Qorti tingħata rapport mill-awtoritajiet kompetenti li jgħid li jkun aħjar għalih li ma jibqax jinżamm hemm. Ir-rikorrent jisħaq li l-ħelsien li għandu jinkiseb ma' l-għoti tal-liberta' provviżorja jrid ikun ħelsien tassew u mhux ħelsien fuq il-karta. Bit-tqegħid ta' kondizzjoni bħal dik, il-Qorti tal-Maġistrati u, aktar tard, il-Qorti Kriminali (bil-konferma ta' dik il-kondizzjoni) ċaħħdulu l-ħelsien li għalih għandu jedd;

"Illi l-intimat iwarrab dan l-argument billi jisħaq li dik il-parti tad-degriet li bih ingħatat kundizzjoni li r-rikorrent jinżamm fi sptar hija kundizzjoni li ma tikser bl-ebda mod l-artikolu 5(3) tal-Konvenzjoni. Mhux hekk biss, imma jgħid b'qawwa li dik il-kundizzjoni dwar l-arrest tar-rikorrent hija sewwasew maħsuba fl-artikolu 5(1)(e) tal-Konvenzjoni, u dan billi r-rikorrent innifsu stqarr mal-Pulizija u quddiem il-Qorti dak inhar li tressaq quddiemha b'arrest, li huwa jiddependi mid-droga;

"Illi l-Qorti tara kontradizzjoni f'dan l-argument tal-intimat. Din hija kontradizzjoni li r-rikorrent jisħaq fuqha wkoll fir-rikors promotur tiegħu. Il-kwestjoni mqanqla mir-rikorrent hija waħda taħt l-artikolu 5(3) tal-Konvenzjoni li, kif ingħad, tintrabat mal-artikolu 5(1)(ċ) u mhux mal-artikolu 5(1)(e) tal-istess Konvenzjoni. L-qofol tal-argument tar-rikorrent m'huwiex dak jekk hemmx raġuni tajba taħt il-Konvenzjoni biex jinżamm taħt arrest, imma jekk il-ħelsien kundizzjonat li ngħata kienx ħelsien tassew jew jekk il-kundizzjonijiet li taħthom ingħata dak il-ħelsien kinux tassew maħsuba biss

biex jiżguraw li r-rikorrent jidher quddiem il-Qorti għall-każ tiegħu kull meta jissejjaħ għal daqshekk. Fil-fehma ta' din il-Qorti, ġustifikazzjoni magħmula taħt l-artikolu 5(1)(e), bħal dik li jittanta jagħmel l-intimat, hija stqarrija fiha nfisha li hemm raġuni għaż-żamma fis-seħħ tal-arrest tar-rikorrent u mhux għall-ħelsien tiegħu;

"Illi l-Qorti tifhem li l-Konvenzjoni nnifisha tħalli li l-għoti ta' ħelsien mill-arrest preventiv ikun suġġett għal kundizzjonijiet. Kemm hu hekk, l-artikolu 5 jitkellem dwar "ċaħda" tal-liberta' u mhux dwar restrizzjonijiet[43]. Tifhem ukoll li tali kundizzjonijiet jistgħu jissarrfu f'tixlif ta' ħelsien sħiħ għall-persuna li tkun hekk inħelset. Wieħed jifhem li ħtiġijiet marbutin mat-twettiq u t-tħaris tar-regoli ta' proċedimenti kriminali jitolbu li l-persuna hekk meħlusa ma titħalliex temmen li dak il-ħelsien hu l-istess bħalma kienet tgawdi qabel ma tressqet b'arrest (għallanqas sakemm għadu għaddej il-proċess kriminali li taħtu tinsab mixlija). Wieħed jaċċetta wkoll li wħud mill-kundizzjonijiet ikunu ebsin u kontinwi u li l-ksur tagħhom iġib is-sanzjoni tat-telfien ta' dak il-ħelsien;

"Illi, madankollu huwa mistenni li, b'ħarsien tal-jedd tal-liberta' u tal-preżunzjoni tal-innoċenza, ladarba jingħata l-ħelsien mill-arrest preventiv, dak il-ħelsien ikun wieħed effettiv u mhux biss formali jew saħansitra kimeriku. Lanqas ma huwa l-każ li r-raġuni waħdanija li taħtha jintagħmlu l-kundizzjonijiet fl-għoti tal-ħelsien mill-arrest preventiv għandu jkun prinċipalment dak li jiżgura li l-persuna hekk meħlusa tidher quddiem il-Qorti kull meta tissejjaħ għall-każ tagħha[44];

"Illi fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha llum, jidher li d-degriet li bih ir-rikorrent ingħata l-ħelsien mill-arrest preventiv ma jwettaqx il-garanzija mitluba mill-Konvenzjoni taħt l-artikolu 5(3). Ukoll kieku wieħed kellu, għal waqt wieħed, iwarrab il-kwestjoni tal-ammont tas-somma stabilita bħala garanzija, l-effett prattiku u effettiv tal-imsemmi degriet hu dak li r-rikorrent m'hu qiegħed jingħata l-ebda ħelsien. Teknikament, l-għażla tiegħu hi

[43] Van Dijk, van Hoof, van Rijn, Zwaak *op cit* paġ. 459
[44] Harris, O'Boyle & Warbrick *op. Cit.*, paġ. 142

bejn jibqax miżmum il-ħabs jew jinżammx fi sptar mentali. M'hemmx għażla oħra, u f'każ li jagħżel li jmur l-isptar, lanqas jista' joħroġ minn hemm qabel ma jsir rapport mit-tobba li jkunu qegħdin jikkurawh li jgħid u jirrakkomanda li ma jkunx xieraq li r-rikorrent jibqa' jinżamm aktar hemm. Dan mhux kollu għaliex, b'rapport bħal dak, se' tkun il-Qorti tal-Maġistrati li tiddeċiedi jekk taqbilx jew le ma dik ir-rakkomandazzjoni. Fil-fehma tal-Qorti, din ma hija bl-ebda mod il-ħelsien mill-arrest preventiv li jsemmi l-artikolu 5(3)[45];

"Illi l-intimat seħaq li dik il-kundizzjoni partikolari saret fl-interess tal-istess rikorrent u hija mmexxija minn sens ta' tħassib fil-Qorti dwar saħħet l-istess rikorrent. Jista' jkun li dan huwa hekk tassew u din il-Qorti tifhem il-premura li wasslet lill-Qorti tal-Maġistrati biex daħħlet dik il-kundizzjoni fost bosta oħrajn fid-degriet tal-ħelsien mill-arrest preventiv. Jidher li kienet miżura maħsuba biex tipprova żżomm lir-rikorrent taħt kura għall-vizzju tiegħu ta' konsum ta' droga, u l-ħarsien ta' terzi minn imġiba tal-istess rikorrent waqt li jkun qiegħed jiġri barra taħt l-influwenza tad-droga. Imma dan seta' kien raġuni tajba biex dik il-Qorti tiċħad it-talba għall-ħelsien mill-arrest u dan x'aktarx kien ikun "arrest legali" għall-finijiet tal-artikolu 5(1)(e) tal-Konvenzjoni; ladarba laqgħet it-talba għall-ħelsien, riedet tara li dak il-ħelsien ikun effettiv;

"Illi fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet li għadhom kemm saru, l-Qorti qiegħda tasal għall-fehma li d-degrieti li bihom ir-rikorrent ingħata l-ħelsien mill-arrest preventiv jiksru l-jedd tiegħu kif imħares bl-artikolu 5(3) tal-Konvenzjoni;

"Illi minħabba din ir-raġuni l-Qorti jidhrilha li ma huwiex il-każ li tistħarreġ ukoll l-ilment tar-rikorrent dwar il-kundizzjoni eċċessiva tal-garanzija imposta fuqu biex jingħata l-ħelsien;

"Illi dwar it-**tieni lment tiegħu**, r-rikorrent iqis li l-awtoritajiet m'humiex qegħdin imexxu b'għaqal il-proċeduri kontrih u dan bi ħsara kbira għalih u l-ħelsien

[45] Ara QEDB **28.11.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Lavents vs Latvija*** (Applik. Nru. 58442/00) § 63

tiegħu. Dan jgħidu l-aktar għaliex il-proċess fir-rigward tiegħu jidher li qiegħed ikarkar bla ma hemm ħjiel ta' ċertezza meta sejjer jitressaq l-att tal-akkuża kontra tiegħu. Jilminta wkoll li dan in-nuqqas ta' tmexxija b'għaqal ("*special diligence*") jimmanifesta ruħu billi jgħid li l-istadju tar-rinviju jista' jibqa' jiġġebbed għal żmien indeterminat sakemm l-intimat jogħġbu jiddeċiedi li jressaq l-Att tal-Akkuża;

"Illi l-intimat iwarrab dan l-ilment tar-rikorrent. Jisħaq li dak l-ilment tressaq qabel waqtu għaliex l-istadju li waslu fih il-proċedimenti kontra r-rikorrent għadhom ma temmewx il-proċess kollu li jwassal għas-sejbien tal-ħtija jew il-ħelsien tar-rikorrent mix-xiljiet imressqa kontrih. Minbarra dan, iżid jgħid li l-fatti li dwarhom ir-rikorrent tressaq b'arrest seħħew fit-28 ta' April, 2010, u, meta wieħed iqis l-għadd ta' xhieda li tressqu u l-proċeduri l-oħrajn mibdija mir-rikorrent innifsu għall-għoti tal-ħelsien mill-arrest preventiv, wieħed ma jistax fis-sewwa jgħid li l-awtoritajiet (il-Prosekuzzjoni) qegħdin jitnikkru jew jieħdu l-affarijiet bil-lajma. Fuq kollox, l-intimat jargumenta li, fil-qagħda li r-rikorrent jinsab fiha bħalissa, x'jiġri fl-istadju tar-rinviju ma jolqotlu bl-ebda mod il-jedd tiegħu li jagħżel li jressaq talba jew talbiet oħra għall-bdil tal-kundizzjonijiet tal-liberta' provviżorja meta u x'ħin jidhirlu xieraq;

"Illi f'dan ir-rigward tajjeb jingħad li "*Courts must show 'special diligence' in bringing cases of detained persons to trial, notwithstanding the existence of strong suspicion or other relevant grounds. However, the requirement of special diligence has been held not to stand in the way of the proper administration of justice and there is an obligation on judges to clarify the facts and collect evidence prior to trial. ... Consideration is had to the complexity of the investigation, the number of defendants, the nature of the legal issues and the international elements by way of letters rogatory. ... Also relevant are errors made by the authorities; unnecessary cumbersome procedures; frequent adjournments and*

*delays in issuing decisions; the complexity of the case; and the conduct of the applicant*"[46];

"Illi meta l-Qorti tqis il-fatturi kollha li għadhom kemm issemmew u tqabbilhom mal-fatti li jinsabu fl-atti tal-kawża, tasal għall-fehma li ma ntweriex li l-proċedimenti mibdija kontra r-rikorrent jixhdu nuqqas ta' tmexxija b'għaqal min-naħa ta' l-awtoritajiet. Lanqas ma jixhdu li r-rikorrent jinsab f'qagħda li ma jistax jitlob l-intervent tal-qrati biex il-qagħda tiegħu tkun tista' tittejjeb. Kemm hu hekk, fiż-żmien li kienet qiegħda tinstema' din il-kawża r-rikorrent innifsu ressaq talba oħra għall-bdil tal-kundizzjonijiet tal-liberta' kondizzjonata tiegħu. Il-fatt li l-eżitu ta' dik it-talba seta' ma kienx dak li xtaq ma jfissirx b'daqshekk li huwa jinsdab imċaħħad minn dak il-jedd jew li b'daqshekk tirriżulta nuqqas ta' tmexxija b'għaqal tal-każ tiegħu;

"Illi għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti ma ssibx li r-rikorrent ġarrab ksur tal-jedd tiegħu taħt l-artikolu 5(3) tal-Konvenzjoni fuq din il-kawzali;

"Illi fit-**tielet ilment** ir-rikorrent iqis li bil-mod kif ingħata l-ħelsien mill-arrest preventiv, nġab fix-xejn il-prinċipju li huwa jrid jitqies innoċenti sakemm njinsab ħati tar-reati li hu mixli bihom. F'dan ir-rigward, tajjeb li jissemma li "*this presumption of innocence should be respected not only during the hearing in court; out of court too, the accused – and thus also the person detained on remand – should not be treated as if his guilt were already established*"[47];

"Illi l-intimat jiċħad bil-qawwa l-ilment tar-rikorrent, u jgħid li kien ir-rikorrent innifsu li, fl-istqarrijiet li huwa ħalla mal-Pulizija u bis-sottomissjonijiet li saru f'ismu quddiem il-Qorti mid-difensur tiegħu stqarr ċerti ħwejjeġ li jġibu kważi fix-xejn l-innoċenza tiegħu;

"Illi l-Qorti tqis li għalkemm l-istqarrija li tagħżel li tagħmel persuna waqt l-interrogatorju li jsirilha hu u għaddej l-

[46] K Reid *A Practitioner's Guide to the European Convention on Human Rights* (3rd Edit, 2008) § IIB – 297
[47] Van Dijk, van Hoof, van Rijn, Zwaak *op cit* paġ. 475

istħarriġ tal-Pulizija dwar allegat reat hija prova li tista' titressaq quddiem Qorti meta jinbeda proċediment kriminali kontra dik il-persuna, dan ma jfissirx li l-preżunzjoni tal-innoċenza tinġab fix-xejn sakemm ma jkunx hemm sentenza li ssib il-ħtija jew sakemm l-istess persuna ma tagħżilx minn rajha li tistqarr ħtijietha fil-waqt xieraq ta' l-imsemmi proċediment. Lanqas ma jfisser li meta, quddiem il-Qorti tal-Maġistrati dak inhar li r-rikorrent tressaq b'arrest, l-għaref difensur tar-rikorrent issottometta t-teħid ta' konsiderazzjoni speċjali minn dik il-Qorti dwar il-vizzju tal-konsum tad-droga tar-rikorrent meta tiġi biex tqis jekk għandhiex tagħtih il-ħelsien mill-arrest, kien b'daqshekk ammetta li l-klijent tiegħu kien stqarr ħtija dwar dak li kien mixli bih;

"Illi l-Qorti madankollu tara ċirkostanza partikolari li tagħti raġun lir-rikorrent. Din iċ-ċirkostanza toħroġ minn kundizzjoni partikolari tad-degriet innifsu li bih ir-rikorrent ingħata l-ħelsien mill-arrest preventiv. Fil-kundizzjoni li biha l-Qorti tal-Maġistrati ordnat li r-rikorrent jintbagħat għall-kura fi sptar, sejset id-deċiżjoni tagħha sewwasew fuq id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta[48]. Dak l-artikolu jgħodd b'mod partikolari fejn persuna tkun diġa nstabet ħatja minn Qorti dwar ir-reati li tkun mixlija bihom u mhux fil-każ fejn persuna tkun għadha miżmuma b'arrest preventiv qabel ma tkun għaddiet mill-proċess kriminali xieraq. Din il-konsiderazzjoni hija biżżejjed biex twassal lil din il-Qorti biex issib li, fit-tfassil tal-kundizzjonijiet għall-ħelsien mill-arrest tar-rikorrent, twarrbet il-preżunzjoni tal-innoċenza tar-rikorrent u dan seta' kien fattur determinanti fil-kwalita' u l-għamla ta' kundizzjonijiet li l-Qorti imponiet fuqu;

"Illi għal dawn ir-raġunijiet, issib li r-rikorrent ġarrab ukoll ksur tal-jedd tiegħu taħt l-artikolu 5(3) tal-Konvenzjoni f'dan l-aspett;

"Illi r-rikorrent jallega wkoll **ksur tal-jedd tiegħu taħt l-artikolu 5(4) tal-Konvenzjoni**. Jidher li dan l-ilment ir-rikorrent jibnih fuq in-nuqqas ta' ħeffa ("*speedy decision*")

[48] L-Att VII tal-2002 dwar il-*Probation*

li biha l-legalita' taż-żamma tiegħu taħt arrest qiegħda tkun mistħarrġa minn qorti;

"Illi l-artikolu 5(4) tal-konvenzjoni jrid li "*Kull min ikun ipprivat mil-liberta' tiegħu b'arrest jew detenzjoni jkollu dritt li jagħmel proċeduri biex il-legalita' tad-detenzjoni tiegħu tiġi deċiża malajr minn qorti u l-liberta' tiegħu tiġi ordnata jekk id-detenzjoni ma tkunx skond il-liġi*";

"Illi l-intimat jisħaq li r-rikorrent ma jista' bl-ebda mod isejjes ilment taħt dan l-artikolu. Jistrieħ fuq ir-raġuni li l-arrest tar-rikorrent kien konvalidat mill-Qorti tal-Maġistrati dak inhar li tressaq akkużat, u għalhekk f'każ bħal dak l-artikolu 5(4) tal-Konvenzjoni ma jiswiex aktar. Isaħħaħ dan l-argument billi jirreferi għal deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali[49] u l-fehma tal-awturi;

"Illi huwa stabilit li "*The theory underlying Article 5(4) is that a judicial remedy should be available to review the legality of an administrative act of detention. If, therefore, the initial decision to detain is taken by a 'court', Article 5(4) becomes redundant; the required supervision is 'incorporated in the decision' of the court that ordered the detention*"[50]. Din hija fehma li toħroġ ċara wkoll minn deċiżjonijiet tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem meta ġiet biex tfisser u tapplika din id-dispożizzjoni tal-Konvenzjoni[51] u li turi li dan il-prinċipju jgħodd ukoll fejn iż-żamma jew l-arrest ikunu ordnati matul is-smigħ ta' proċeduri kriminali fil-konfront ta' persuna;

"Illi għalhekk il-Qorti taqbel mal-fehma tal-intimat, u żżid tosserva li r-rikorrent ftit li xejn tenna dan l-ilment waqt it-trattazzjoni tal-kawża. Bla ma ttawwal aktar fuq dan il-punt, din il-Qorti tagħmel tagħha l-fehmiet murija minnha aktar 'il fuq fis-sentenza tagħha u wkoll tal-awturi u deċiżjonijiet imsemmijin mill-istess intimat u deċiżjonijiet oħrajn ukoll[52];

---

[49] Kost. **20.2.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***James Demanuele vs Avukat Ġenerali***
[50] Harris, O'Boyle & Warbrick, *op. cit.*, paġ. 151
[51] Ara, per eżempju, QEDB **18.6.1971** fil-kawża ***DeWilde, Ooms & Versyp vs Belġju*** (Applik. Nru. 2832/66, 2835/66, 2899/66) par. 76
[52] P. eż. Kost **7.1.1998** fil-kawża fl-ismijiet ***Sant vs Avukat Ġenerali*** (Kollez. Vol: **LXXXII.i.1**)

"Illi għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti ma ssibx li r-rikorrent ġarrab ksur tal-jedd tiegħu taħt l-artikolu 5(4) tal-Konvenzjoni;

"Illi l-Qorti sejra issa tgħaddi biex tqis **l-għamla ta' rimedju** li r-rikorrent jistħoqqlu jingħata ladarba hija waslet biex sabet li seħħ ksur tal-jedd tiegħu kif imħares bl-artikolu 5(3) tal-Konvenzjoni. Ir-rikorrent irid l-għoti ta' rimedju effettiv "u prinċipalment dak tal-ħelsien mill-arrest effettiv u mhux illusorju". Min-naħa tiegħu, l-intimat jgħid li minkejja s-setgħat li din il-Qorti tgawdi f'dak li għandu x'jaqsam mar-rimedji li tista' tagħti f'każ ta' ksur ta' xi jedd fundamentali, l-għoti minnha ta' ordni li tordna l-ħelsien mill-arrest tal-istess rikorrent m'huwiex provvediment li jaqa' fil-kompetenza tagħha, imma wieħed li jista' jingħata biss minn Qorti ta' kompetenza kriminali;

"Illi din il-Qorti tagħraf li l-artikolu 4(2) tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta jagħtiha s-setgħa li tagħti rimedji effettivi dwar kull ksur li seħħ jew hemm il-biżgħa li jseħħ ta' xi jedd imħares fil-Konvenzjoni u li Malta irratifikat l-applikabilita' tagħhom. Huwa mistenni wkoll li r-rimedju mitlub jissemma mill-parti li tkun qiegħda tressaq ilment ta' ksur ta' xi jedd fundamentali tagħha. Il-kwestjoni li tqum fil-każ tal-lum hija jekk ir-rimedju speċifiku mitlub mir-rikorrent – jiġifieri dak tal-ħelsien effettiv tiegħu mill-arrest – huwiex rimedju li jingħata minn din il-Qorti stess;

"Illi din il-Qorti tifhem li fit-twettiq tas-setgħat tagħha kostituzzjonali jew konvenzjonali, jkun kontrosens li l-Qorti tasal biex issib ksur ta' xi jedd fundamentali mħares mill-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta' Malta jew mill-Konvenzjoni, u mbagħad ma tkunx f'qagħda li tagħti rimedju effettiv f'każ li ssib li jkun seħħ ksur ta' jedd bħal dak. Min-naħa l-oħra, f'xi mindaqqiet, l-għoti ta' rimedju jkun jimplika wkoll li biex il-Qorti tkun tista' tasal kif imiss għar-rimedju mitlub, ikunu meħtieġa konsiderazzjonijiet jew it-tħaddim ta' setgħat li, bir-rieda tal-liġi, huma mogħtija lil Qrati oħra b'kompetenzi partikolari. Huwa minnu li din il-kwestjoni tqajmet f'okkażjonijiet oħrajn qabel illum, u, ġeneralment, dan seħħ f'każijiet li kienu jirrigwardaw il-kundizzjonijiet magħmulin f'ordnijiet għall-

ħelsien mill-arrest preventiv, bħalma huwa l-każ li l-Qorti għandha quddiemha. Jidher li r-regola l-aktar għaqlija f'dan ir-rigward hi li kull bidla ta' xi kundizzjoni imposta fuq persuna fl-għoti tal-liberta' provviżorja jmissha ssir mill-Qorti ta' kompetenza kriminali b'ħarsien tal-prinċipji stabiliti mill-Qrati ta' kompetenza kostituzzjonali jew "konvenzjonali". Huwa biss f'każijiet eċċezzjonali – "fejn ikun jidher lil dik il-Qorti illi l-protezzjoni tal-individwu li d-drittijiet tiegħu ikun ġie provat li ġew vjolati tkun tirrikjedi li jingħata rimedju xieraq u effettiv immedjatament, *multo magis* fejn si tratta ta' leżjoni tad-dritt għall-ħelsien tal-persuna"[53] – li l-Qorti ta' kompetenza kostituzzjonali jew "konvenzjonali" jindaħlu huma biex jissostitwixxu 'l dawk il-Qrati l-oħrajn. Dan il-prinċipju reġa' ttenna f'dawn l-aħħar żminijiet u bażikament fuq l-istess raġunijiet[54];

"Illi fid-dawl taċ-ċirkostanzi partikolari li joħorġu minn dan il-każ, il-Qorti hija tal-fehma sħiħa li filwaqt li sejra ssib li hemm ksur tal-jedd tar-rikorrent skond l-artikolu 5(3) tal-Konvenzjoni u dan fid-dawl ta' wħud mill-kondizzjonijiet stipulati fid-degriet li bih ingħata l-ħelsien mill-arrest preventiv, sejra tordna li jkunu l-Qrati ta' kompetenza kriminali li għandhom iqisu l-bdil tal-imsemmija kundizzjonijiet fid-dawl tar-riżultanzi ta' din is-sentenza. Il-Qorti hija tal-fehma li ordni bħal dan ikun rimedju xieraq għal tali sejbien;

"Illi r-rikorrent jitlob ukoll il-**ħlas ta' kumpens** minħabba l-ksur imġarrab minnu. Il-ħlas ta' kumpens huwa jedd li jingħata fuq livell domestiku għal ksur ta' jedd imħares fil-Konvenzjoni. L-artikolu 5(5) irid li "*kull min ikun vittma ta' arrest jew detenzjoni bi ksur ta' d-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu jkollu dritt eżegwibbli għal kumpens*". Kif mifhum fil-qafas legali xieraq tiegħu, il-kumpens maħsub fl-artikolu 5(5) ma jgħoddx fih il-ħelsien tal-persuna miżmuma b'arrest, għaliex hemm dispożizzjonijiet oħrajn fl-artikolu 5 li jaħsbu għal dan. Ġeneralment, wieħed jifhem l-għoti ta' kumpens fi flus, u dan ma jżommx lill-awtoritajiet li jitolbu li l-persuna mġarrba tipprova kif għandu jkun id-danni li

---

[53] Ara, per eżempju, Kost **6.10.1999** fil-kawża fl-ismijiet ***Mario Pollacco vs Il-Kummissarju tal-Pulizija et*** (mhix pubblikata)
[54] Kost. **28.5.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Richard Grech vs Avukat Ġenerali***

tgħid li batiet minħabba l-ksur tal-jedd tal-ħelsien. F'kull każ, ma jingħata l-ebda kumpens taħt l-artikolu 5(5) jekk kemm-il darba ma jintweriex li l-persuna ġarrbet xi telf pekunjarju jew morali li jistħoqqlu kumpens. Fuq kollox, biex jista' jintalab kumpens taħt l-artikolu 5(5) tal-Konvenzjoni, l-parti mġarrba trid turi li hija kienet arrestata jew miżmuma bi ksur ta' xi wieħed jew aktar miċ-ċirkostanzi msemmija fil-paragrafi l-oħrajn tal-istes artikolu;

"Illi r-rikorrent ma ressaq l-ebda prova tad-danni mġarrba minnu kemm ilu jinżamm b'arrest (mit-30 ta' April, 2010). Għalhekk, il-Qorti ma tistax tagħti rimedju kumpensattiv lir-rikorrent f'dan ir-rigward. Iżda jidhrilha li għal dak li jirrigwarda l-ħsara jew dannu morali hemm x'wieħed jgħid. Dan għaliex meta ngħata d-degriet li bih il-Qorti tal-Maġistrati qieset li hemm raġunijiet tajbin biżżejjed biex ir-rikorrent jingħata l-ħelsien mill-arrest, imma, fl-istess waqt, dak il-ħelsien ingħata taħt kundizzjonijiet li jiċħdu fil-fatt il-ħelsien, allura r-rikorrent inqabad f'qagħda fejn intwera l-bieb miftuħ u ma setax jersaq lejh. F'ċirkostanza bħal din, bi tqabbil mal-konsiderazzjonijiet f'każijiet oħrajn dwar ksur tal-istess artikolu[55], u meħuda l-fatti li joħorġu mill-atti, l-Qorti sejra tordna li r-rikorrent jingħata kumpens ta' elf euro (€ 1,000);"

**Rikors tal-Appell tal-Avukat Generali**

L-Avukat Generali hassu aggravat bis-sentenza surriferita tal-Qorti tal-ewwel grad u interpona appell minnha b'rikors prezentat fid-9 ta' Awwissu 2010.

Fil-qosor, l-aggravji tieghu huma s-segwenti:

1. L-ewwel aggravju jirrigwarda l-konkluzzjoni tal-ewwel Qorti li d-digrieti li bihom ir-rikorrent inghata l-liberta` provvisorja jiksru l-jedd tieghu taht l-Artikolu 5(3) tal-Konvenzjoni billi jcahhduh minn helsien effettiv. L-appellant jishaq li f'dan il-kaz ma jistax jinghad li l-helsien mill-arrest li sar a bazi tal-Artikolu 5(1)(c) ma kienx effettiv

[55] Ara, per eżempju, Kost. **4.1.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Godfrey Ellul vs Avukat Ġenerali***

u dan billi l-Qorti ordnat it-trattament residenzjali fuq bazi legali totalment distinta u cioe` taht l-Artikolu 5(1)(e) tal-Konvenzjoni.

Il-htiega li l-appellat jigi kkurat ghall-vizzju tad-droga m'hix xi raguni fittizja intiza biex l-kontinwazzjoni tad-detenzjoni taht l-Artikolu 5(1)(c) tigi mohbija taht xi forma ohra, izda hija raguni reali u fondata, u ghalhekk il-kundizzjoni imposta biex ir-rikorrent ikun hekk rikoverat ma setghetx tkun kundizzjoni leziva tad-drittijiet fundamentali tieghu.

Inoltre, anke jekk jigi ritenut li ma kienx hemm helsien effettiv skont l-Artikolu 5(3), dan in-nuqqas ta' helsien effettiv ghandu jigi ritenut bhala legittimu peress illi kien hemm ragunijiet tajbin ghall-istess nuqqas ta' helsien.

2. It-tieni aggravju jirrigwarda t-tielet ilment tar-rikorrent u cioe` li l-mod kif inghata l-liberta` provvisorja jgib fix-xejn il-principju tal-presunzjoni tal-innocenza. L-appellant jissottometti li l-fatt biss li persuna li jirrizulta li hi dipendenti fuq id-droga tintbaghat ghal trattament residenzjali fi sptar jew band'ohra b'ebda mod ma tista' tilledi l-presunzjoni tal-innocenza, billi d-dipendenza fuq id-droga m'hix fiha nfisha reat kriminali.

Inoltre imkien ma jirrizulta li l-Qorti tal-Magistrati qieset lir-rikorrent hati ta' xi tip ta' reat. Hi kienet qed tikkunsidra lir-rikorrent bhala persuna dipendenti fuq id-droga u ghalhekk ordnat li jissottometti ruhu ghal trattament.

3. It-tielet aggravju tal-appellant huwa li *dato ma non concesso* li kien hemm lezjoni, id-dikjarazzjoni biss li sehhet tali vjolazzjoni ghandha tkun sufficjenti, dan billi l-ewwel Qorti stess accettat li l-kundizzjoni li l-appellat jigi rikoverat saret fl-interess tieghu stess.

Ghal dawn ir-ragunijiet l-appellant talab ir-riforma tas-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti billi tigi mhassra dik il-parti fejn l-ewwel Qorti laqghet l-ewwel talba tar-rikorrent u sabet li garrab ksur taht l-Artikolu 5(3) tal-Konvenzjoni u fejn laqghet it-tielet talba tar-rikorrent u ordnat il-hlas ta' kumpens morali u li l-intimat ihallas nofs l-ispejjez tal-

kawza u tikkonfermaha fejn cahdet l-ewwel talba fir-rigward tal-Artikolu 5(3) dwar tmexxija b'heffa tal-proceduri u fejn cahdet it-talba tar-rikorrent taht l-Artikolu 5(4) tal-Konvenzjoni u tikkonfermaha f'dik il-parti fejn ipprovdiet dwar it-tieni talba tal-appellat u minflok tilqa' dan l-appell u tichad it-talbiet kollha tar-rikorrent appellat bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra tieghu.

Ir-rikorrenti ma wegiebx l-appell tal-intimat izda ttratta verbalment quddiem din il-Qorti.

**Fatti**

Il-fatti li taw lok ghal dawn il-proceduri, li issa jinsabu quddiem din il-Qorti, huma korrettement u dettaljatament riportati fis-sentenza appellata li giet riprodotta aktar qabel f'din is-sentenza, u din il-Qorti mhix ser terga' tirrepetihom.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

Illi mis-sentenza tal-ewwel Qorti appella biss l-Avukat Generali. Ghalhekk id-decizjoni tal-ewwel Qorti fejn cahdet it-talbiet tar-rikorrent fir-rigward tal-Artikolu 5(3) dwar tmexxija b'heffa tal-proceduri, u l-Artikolu 5(4) dwar l-ezami malajr mill-Qorti tal-legalita` tad-detenzjoni tieghu, issa taghmel stat fil-konfront tieghu. Ir-rikorrent m'appellax ukoll mid-decizjoni tal-ewwel Qorti fejn ordnat li ghandha tkun il-Qorti ta' kompetenza kriminali li tqis il-bdil tal-kundizzjonijiet fl-ghoti tal-liberta` provvisorja fid-dawl tar-rizultanzi ta' din is-sentenza.

Nigu issa ghall-aggravji fl-appell tal-Avukat Generali. Dawn huma bazikament dwar l-Artikolu 5(3) tal-Konvenzjoni u l-kwistjoni tal-kumpens morali moghti lill-appellat mill-ewwel Qorti.

<u>Helsien effettiv</u>

L-appellant Avukat Generali ma jaqbilx mal-konkluzjoni tal-ewwel Qorti li d-digriet li bih ir-rikorrent inghata l-helsien mill-arrest preventiv jikser il-jedd tieghu mhares

mill-Artikolu 5(3) tal-Konvenzjoni. L-ewwel Qorti ddecidiet li r-rikorrent ma nghatax helsien ‘effettiv’ ghaliex jekk kellu jwettaq dak li jipprovdi d-digriet, huwa ma kienx se jkun f’qaghda li jgawdi ebda liberta`. L-ghazla li nghata kienet bejn li ma jibqax mizmum il-habs jew jinzamm fi sptar mentali.

Fl-aggravju tieghu l-intimat jikkontendi li t-trattament residenzjali li l-Qorti tal-Magistrati imponiet fuq ir-rikorrent ma kienx bhal meta ssir ordni ta’ *house arrest,* li hi kkunsidrata bhala kontinwazzjoni tal-arrest originali, imma kienet ordni fuq bazi legali totalment differenti u cioe` wahda taht l-Artikolu 5(1)(e) tal-Konvenzjoni[56]. L-appellant jillanja wkoll li l-ordni li r-rikorrent jiehu il-kura ma kienitx xi skuza biex hu jibqa’ detenut imma kienet necessarja minhabba l-vizzju tad-droga li r-rikorrent kellu. Ikompli li anke kieku kellu jigi ritenut li ma kienx hemm helsien effettiv dan in-nuqqas kien wiehed legittimu billi kien hemm ragunijiet tajbin a tenur tal-Artikolu 5 (1)(e) imsemmi.

Din il-Qorti m’ghandhiex dubbju li dak li pprovvdiet il-Qorti tal-Magistrati meta tat d-digriet kontestat kien fl-interess u ghall-gid tar-rikorrent stess biex jiehu l-kura ghall-vizzju tad-droga kif ukoll ghall-harsien ta’ terzi.

Izda jekk il-Qorti tal-Magistrati deherilha li r-rikorrenti kien haqqu li jinghata l-helsien mill-arrest, hi ma kellhiex timponi fuqu kundizzjonijiet li bihom effettivament ghamlitha impossibbli ghalih li jgawdi l-liberta` provisorja moghtija.

Kwantu ghall-kura mill-vizzju tad-droga li l-Qorti tal-Magistrati hasset li r-rikorrent kellu jiehu, fil-fehma ta’ din il-Qorti seta’ jinstab mezz differenti kif, filwaqt li r-rikorrent jibqa’ jgawdi mill-liberta` provvizorja, fl-istess hin hu jintrabat b’kundizzjoni li jattendi ghall-kura.

---

[56] “None one shall be deprived of his liberty save in the following cases and in accordance with a procedure prescribed by law…. (e) the lawful detention of persons for the prevention of the spreading of infectious disc eases, of persons of unsound mind, alcoholics or **drug addicts** or vagrants”.

Dwar il-hsara li tista' ssir lill-terzi minhabba l-vizzju tad-droga tar-rikorrent, din forsi setghet tkun raguni tajba sabiex il-Qorti tal-Magistrati ma taghtix il-helsien mill-arrest lir-rikorrent mill-bidunett imma ladarba l-Qorti ddecidiet li kellha tilqa' t-talba tar-rikorrent biex jinghata l-liberta` provvizorja, ma setghetx imbaghad terga' tqajjem il-kwistjoni dwar il-hsara li tista' ssir lill-terzi. Jekk kellux jigi applikat l-Artikolu 5(1)(e) jew le, dan kellu jigi determinat qabel ma r-rikorrent jinghata l-liberta` provvizorja u mhux wara. Apparti dan, l-Artikolu 5(3) invokat mir-rikorrent jirreferi ghall-Artikolu 5(1)(c) u mhux ghall-Artikolu 5(1)(e) tal-Konvenzjoni.

F'dan il-kaz ghalhekk ma kienx il-kompitu tal-ewwel Qorti u lanqas ta' din il-Qorti li terga' tistharreg jekk hemmx ragunijiet ghaliex ir-rikorrent kellux jinzamm milli jinghata helsien, imma li trid tara din il-Qorti huwa jekk ladarba nghata din il-liberta` provvizorja, dak il-helsien kienx wiehed effettiv kif sancit bl-Artikolu 5(3) tal-Konvenzjoni u mhux wiehed biss tejoretiku jew fuq il-karta biss.

Illi kif jikteb l-awtur Van Dyke[57] u kif gie deciz fil-kaz Neumeister (1968):

*"The guarantee demanded for release must not impose heavier burdens on the person in question than are required for securing the presence of the accused at the hearing".*

Ikompli l-istess awtur li:
*"Although Article 5(3) does not guarantee an absolute right to release on bail, the possibility of demanding bail entails for the judicial authorities the obligation to ascertain whether by means of such a guarantee the same purpose (of securing the presence of the accused at the hearing) can be achieved as is aimed at by the detention on remand".*

Apparti dan, il-ligi wkoll ma tridx li l-liberta` ta' imputat tigi effettivament imcahhda billi tigi mxekkla b'kundizzjonijiet

[57] Theory and Practice of the ECHR 4th Ed page 497.

ohra li jistghu jitqiesu punittivi ghall-ghemil li tieghu ma jkunx ghadu misjub hati (**C.Mifsud v. P.M. et** Q.K. 10 ta' Lulju 1990) u li ma jkollhom x'jaqsmu xejn mal-htiega principali li l-imputat jidher ghall-kull att tal-process.

Fuq il-provi emersi, din il-Qorti taqbel mal-ewwel Qorti li fil-kaz in ezami, meta giet imposta l-kundizzjoni mill-Qorti tal-Magistrati li r-rikorrent jigi rikoverat l-Isptar Monte Carmeli ghall-kura u li m'ghandux jinhareg qabel ma jsir rapport mill-konsulenti psikjatrici u qabel ma tinbidel l-ordni tal-Qorti, ir-rikorrent fil-fatt ma kienx inghata helsien mill-arrest. Il-bieb kien thalla maghluq. Dak li l-Qorti kienet qed taghtih b'id wahda kienet qeghda effettivament tehodulu bl-ohra.

Dan l-aggravju ghalhekk qed jigi michud

<u>Presunzjoni tal-innocenza</u>

L-appellant ma jaqbilx mal-ewwel Qorti meta ddecidiet li l-mod kif ir-rikorrent inghata l-liberta` provvizorja gab fix-xejn il-principju tal-presunzjoni tal-innocenza. Hu jissottometti li l-Qorti tal-Magistrati ma qiesetx lir-rikorrent hati ta' xi tip ta' reat imma kkunsidra biss lir-rikorrent bhala persuna dipendenti fuq id-droga (li mhux reat kriminali *per se*) u ordnat li joqghod ghal trattament u dan fuq talba tieghu stess.

L-ewwel Qorti ddecidiet li kien hemm ksur tal-Artikolu 5(3) f'dan ir-rigward billi sabet li fid-digriet innifsu li bih ir-rikorrent inghata l-helsien mill-arrest preventiv, il-Qorti tal-Magistrati kienet ibbazat id-decizjoni taghha fuq id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 7 tal-Kap. 446 (dwar Probation) meta dak l-artikolu japplika fejn persuna tkun diga` nstabet hatja minn Qorti dwar ir-reati li tkun mixlija bihom u mhux fil-kaz fejn persuna tkun ghadha mizmuma b'arrest preventiv.

Din il-Qorti pero` ma taqbilx li f'dan il-kaz minhabba din ic-cirkostanza partikolari u unika twarrbet ukoll b'daqshekk il-presunzjoni tal-innocenza tar-rikorrent. Veru li d-digriet seta' legalment kien aktar preciz, izda l-intendiment tal-

Qorti u tal-partijiet qatt ma kien li r-rikorrent qed jinstab diga` hati ta' xi reat jew partikolarment tar-reati specifici li hu gie akkuzat bihom. Anzi jirrizulta li kien l-istess rikorrent li xtaq li jinghata tali 'trattament'. L-ordni li tat il-Qorti ma kienitx wiehed ta' *'probation'* imma ordni ta' trattament ghall-kura. Il-fatt li r-rikorrenti kien dipendenti fuq id-droga m'huwiex fih innifsu reat kriminali, u fi kwalunkwe kaz, din id-dipendenza ma gietx michuda mir-rikorrent stess[58]. Ghalhekk il-fatt li b'adezjoni tieghu r-rikorrent ntbaghat ghat-trattament fi sptar ma jillediex il-presunzjoni tal-innocenza tieghu. Inoltre anke minn ezami tal-Artikolu 5(1)(e) tal-Konvenzjoni jidher li, in generali, ma hemmx htiega li persuna tkun instabet hatja ta' xi dipendenza fuq id-droga biex tibqa' detenuta minhabba dik ir-raguni. Ghalhekk, assumendo li kellu japplika l-Artikolu 5(1)(e) f'dak il-kaz, ma jkun hemm ebda ksur tal-presunzjoni tal-innnocenza.

Dan l-aggravju qed jigi milqugh.

<u>Rimedju</u>

Dwar ir-rimedju indikat mill-ewwel Qorti ghal-lezjoni riskontrata, ir-rikorrent m'appellax. Min-naha l-ohra, f'dan ir-rigward, l-Avukat Generali appellant talab li jekk din il-Qorti tiddeciedi li l-appellat sofra lezjoni tad-drittijiet tieghu allura din il-parti tas-sentenza ghandha tigi kkonfermata. Ghalhekk hija il-Qorti ta' kompetenza kriminali li ghandha tqis il-bdil tal-kundizzjonijiet fl-ghoti tal-liberta` provvizorja fid-dawl tar-rizultanzi ta' din is-sentenza.

<u>Kumpens</u>

Fit-tielet aggravju l-appellant jissottometti li anke jekk jinstab li kien hemm ksur tal-Konvenzjoni, fil-kaz in ezami d-dikjarazzjoni li sehhet tali vjolazzjoni hi bizzejjed bhala *just satisfaction* u dan billi l-ewwel Qorti stess irrikonoxxiet li l-kundizzjoni fid-digriet li l-appellat jigi rikoverat ghal-

[58] Ara stqarrijiet a fol 20 u 22, verbal a fol 27 u rikors a fol 45 et seq.

trattament residenzali fi sptar, saret fl-interess u fuq talba tieghu.

L-ewwel Qorti waslet ghall-konkluzzjoni li f'dan il-kaz ma setghetx takkorda rimedju kumpensativ ghal telf pekunjarju billi r-rikorrent ma gab ebda prova dwar danni mgarrba minnu kemm ilu arrestat, imma kienet se takkorda kumpens ghal danni morali ghaliex meta nghata d-digriet li bih il-Qorti tal-Magistrati qieset li kien hemm ragunijiet bizzejjed biex ir-rikorrent jinghata l-helsien mill-arrest, fl-istess waqt dak il-helsien inghata taht kundizzjonijiet li jichdu l-istess helsien.

Illi bhala regola *"an applicant does not have an "automatic" right to an indemnity by the Court. If the breach involved is not of a very serious nature, it is more likely that the Court will hold that the finding of the violation constitutes in itself just satisfaction. In the opposite case, when the Court has held that a violation is very grave, monetary just satisfaction will often be awarded"*[59].

Huwa minnu li *"the most appropriate reparation, if possible, is restitution in integrum"* u l-ewwel Qorti diga` tat dan ir-rimedju, izda jibqa' l-fatt li s'issa r-rikorrent ghadu ma giex fil-posizzjoni li kien meta nghata d-digriet kontestat u ghalhekk taz-zmien li baqa' detenut u ghat-telf ta' helsien li garrab ghandu jigi kkumpensat[60]. L-appellant jissottometti li r-rikorrent gie rikoverat fl-interess tieghu stess, izda ghalkemm dan huwa minnu u r-rikorrent ried li jiehu l-kura imma dan mhux akkost li jibqa' minghajr helsien mill-arrest.

Dwar l-ammont li l-ewwel Qorti akkordat, ma saret ebda lanjanza u din il-Qorti ghalhekk ma thossx li ghandha tiddisturba d-diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel Qorti.

Dan l-aggravju ghalhekk qed jigi michud.

---

[59] Ara "**Restitution as a Remedy for Human Rights Violations**": Max-Planck Institute u **Akdivar v Turkey** 1st April 1998 app. 21893/93 para.37

[60] Ara kaz **Danev v Bulgaria** App nru: 9411/05 deciz 2.9.10 fejn intqal li l-applikant ma kienx obbligat li jippruva li hu sofra *non-pecuniary damage* bhala rizultat tal-detenzjoni illegali.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata billi thassar dik il-parti tas-sentenza fejn l-ewwel Qorti laqghet l-ewwel talba tar-rikorrent u sabet li hu kien garrab ksur taht l-Artikolu 5(3) tal-Konvenzjoni meta twarrbet il-presunzjoni tal-innocenza tieghu u tikkonfermaha fil-bqija.
Spejjez tal-prim istanza jibqghu kif deciz mill-ewwel Qorti; spejjez ta' dana l-appell jinqasmu kwantu ghal terz ghall-appellat u zewg terzi ghall-appellant.

Tordna li l-atti ta' din il-kawza u kopja ta' din is-sentenza jintbaghtu lil-Qorti ta' kompetenza kriminali sabiex tkun tista' tipprovdi kif mehtieg skond ir-rizultanzi ta' din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------